



UNJONI EWROPEA

IL-PARLAMENT EWROPEW

IL-KUNSILL

Strasburgu, 25 ta' Marzu 2019
(OR. en)

2018/0434 (COD)
LEX 1892

PE-CONS 17/1/19
REV 1

AVIATION 13
PREP-BXT 28
CODEC 212

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL
DWAR ĊERTI ASPETTI TAS-SIKUREZZA TAL-AVJAZZJONI FIR-RIGWARD
TAL-ĦRUġ TAR-RENJU UNIT TAL-GRAN BRITTANJA
U L-IRLANDA TA' FUQ MILL-UNJONI

REGOLAMENT (UE) 2019/...
TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tal-25 ta' Marzu 2019

**dwar ċerti aspetti tas-sikurezza tal-avjazzjoni fir-rigward tal-ħruġ
tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħha lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċċali Ewropew¹,

Wara li kkonsultaw il-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja²,

¹ Opinjoni tal-20 ta' Frar 2019 (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

² Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Marzu 2019 (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u deċiżjoni tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2019.

Billi:

- (1) Fid-29 ta' Marzu 2017, ir-Renju Unit ippreżenta n-notifika tal-intenzjoni tiegħu li joħroġ mill-Unjoni skont l-Artikolu 50 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. It-Trattati ma jibqgħux japplikaw għar-Renju Unit mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' ftehim dwar il-ħruġ jew, fin-nuqqas ta' dan, sentejn wara dik in-notifika, jiġifieri mit-30 ta' Marzu 2019, sakemm il-Kunsill Ewropew, bi qbil mar-Renju Unit, ma jiddeċidix b'mod unanimu li jestendi dak il-perjodu.
- (2) L-għan princiċiali tar-Regolament (UE) 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ huwa li jiġi stabbilit u jinżamm livell għoli u uniformi ta' sikurezza tal-avjazzjoni fl-Unjoni. Għal dak l-iskop, ġiet stabbilita sistema ta' ċertifikati għal diversi attivitajiet tal-avjazzjoni, sabiex jinkisbu l-livelli ta' sikurezza meħtieġa u sabiex ikunu jistgħu jsiru l-verifikasi meħtieġa u jiġu aċċettati b'mod reċiproku c-ċertifikati maħruġa.

¹ Ir-Regolament (UE) 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2018 dwar regoli komuni fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 2111/2005, (KE) Nru 1008/2008, (UE) Nru 996/2010, (UE) Nru 376/2014 u d-Direttivi 2014/30/UE u 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 552/2004 u (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/91 (ĠU L 212, 22.8.2018, p. 1).

- (3) Fil-qasam tas-sikurezza tal-avjazzjoni, l-impatt tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni fuq iċ-ċertifikati u l-approvazzjonijiet jista' jiġi rrimedjat minn ħafna partijiet ikkonċernati permezz ta' diversi miżuri. Dawk il-miżuri jinkludu t-trasferiment lejn awtorità tal-avjazzjoni ċivili ta' wieħed mis-27 Stat Membru li jifdal, jew l-applikazzjoni, qabel id-data tal-ħruġ, għal-ċertifikat maħruġ mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għas-Sikurezza tal-Avjazzjoni (“l-Aġenzija”), b'effett minn dik id-data biss u għaldaqstant bil-kundizzjoni li r-Renju Unit ikun sar pajjiż terz.
- (4) Madankollu, għad-differenza ta' oqsma oħra tal-liġi tal-Unjoni, hemm xi ċirkostanzi speċifiċi fejn mhux possibbli li jinkiseb ċertifikat minn Stat Membru ieħor jew mill-Aġenzija, minħabba li, mid-data tal-ħruġ, r-Renju Unit ikompli jaqdi r-rwol ta' “Stat tad-disinn” skont il-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali għall-ġurisdizzjoni tiegħi mid-data tal-ħruġ. Min-naħħa tiegħi, ir-Renju Unit jista' joħroġ ċertifikati biss f'dak ir-rwol ġdid tiegħi, ladarba jkun ħa dak l-irwol, jiġifieri ladarba l-liġi tal-Unjoni ma tibqax tapplika għar-Renju Unit wara l-ħruġ tiegħi mill-Unjoni.
- (5) Għalhekk, huwa neċċessarju li jiġi stabbilit mekkaniżmu temporanju għall-estensjoni tal-validità ta' ċerti ċertifikati tas-sikurezza tal-avjazzjoni, sabiex l-operaturi kkonċernati, u l-Aġenzija, jkollhom biżżejjed żmien biex ikunu jistgħu joħorġu c-ċertifikati meħtieġa skont l-Artikolu 68 tar-Regolament (UE) 2018/1139, biex jitqies l-istatus tar-Renju Unit bħala pajjiż terz.

- (6) Jenħtieġ li t-tul ta' żmien ta' tali estensjoni tal-validità taċ-ċertifikati jkun limitat għal dak li huwa strettament meħtieġ biex jiġi indirizzat il-ħruġ tar-Renju Unit mis-sistema tas-sikurezza tal-avjazzjoni tal-Unjoni.
- (7) Sabiex jingħata żmien addizzjonal, fejn ikun meħtieġ, biex iċ-ċertifikati jinħarġu għall-operaturi kkonċernati skont l-Artikolu 68 tar-Regolament (UE) 2018/1139, jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, fir-rigward tal-estensjoni ulterjuri tal-perjodu ta' validità taċ-ċertifikati msemmija fit-Taqsima I tal-Anness għal dan ir-Regolament. Huwa partikolarmen importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, ukoll fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liggijet¹. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugħwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

¹ ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

- (8) Barra minn hekk, għad-differenza tal-biċċa l-kbira tal-oqsma l-oħra tal-liġi tal-Unjoni fir-riġward tal-oġġetti, l-invalidità taċ-ċertifikati jkollha impatt mhux fuq it-tqegħid fis-suq iżda fuq l-użu effettiv tal-prodotti, tal-partijiet u tat-tagħmir tal-avjazzjoni fl-Unjoni, pereżempju meta jiġu installati l-partijiet u t-tagħmir fuq ingēnu tal-ajru tal-Unjoni li jopera fl-Unjoni. Jenħtieġ li ma jkunx hemm impatt fuq dan l-użu tal-prodotti tal-avjazzjoni fl-Unjoni mill-ħruġ tar-Renju Unit.
- (9) Fis-sistema tas-sikurezza tal-avjazzjoni tal-Unjoni, it-taħriġ tal-bdoti u tal-mekkaniċi huwa strettament irregolat u l-moduli tat-taħriġ huma armonizzati. Il-persuni li jieħdu sehem f-modulu tat-taħriġ fi Stat Membru wieħed mhux dejjem jistgħu jibdlu, matul dak it-taħriġ, għal Stat Membru ieħor. Jenħtieġ li dik is-sitwazzjoni partikolari titqies fil-miżuri ta' kontinġenza tal-Unjoni.
- (10) Jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament jidħlu fis-seħħ b'urġenza u jenħtieġ li jaapplikaw, fil-prinċipju, mill-ġħada tal-jum meta t-Trattati ma jibqgħux jaapplikaw għar-Renju Unit, sakemm ma jidħolx fis-seħħ ftehim dwar il-ħruġ konkluż mar-Renju Unit sa dik id-data. Madankollu, sabiex ikunu jistgħu jsiru l-proċeduri amministrattivi meħtieġa minn kmieni kemm jista' jkun, jenħtieġ li ċerti dispożizzjonijiet jaapplikaw mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1
Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament jistipula dispożizzjonijiet speċifiċi, fid-dawl tal-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq (“ir-Renju Unit”) mill-Unjoni Ewropea, għal ċerti ċertifikati tas-sikurezza tal-avjazzjoni maħruġa skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ jew ir-Regolament (UE) 2018/1139 għal persuni fiżiċi u ġuridiċi li jkollhom il-post prinċipali tan-negozju tagħħom fir-Renju Unit u għal ċerti sitwazzjonijiet rigward it-taħriġ fl-avjazzjoni.
2. Dan ir-Regolament għandu japplika għaż-ċertifikati kollha elenkti fl-Anness għal dan ir-Regolament, li jkunu validi fil-jum ta' qabel id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u li jkunu nħarġu:
 - (a) mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għas-Sikurezza tal-Avjazzjoni (“l-Aġenzija”) għal persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jkollhom il-post prinċipali tan-negozju tagħħom fir-Renju Unit, kif stabbilit fit-Taqsima 1 tal-Anness; jew

¹ Ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2008 dwar regoli komuni fil-kamp tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni, u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 91/670/KEE, ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 u d-Direttiva 2004/36/KE, ĠU L 79, 19.3.2008, p. 1).

- (b) mill-persuni fiżiċi jew ġuridiċi ċċertifikati mill-awtoritajiet kompetenti tar-Renju Unit kif stabbilit fit-Taqsima 2 tal-Anness.
3. Minbarra c-ċertifikati elenkti fil-paragrafu 2, dan ir-Regolament għandu japplika għall-moduli tat-taħriġ msemmija fl-Artikolu 5.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet korrispondenti tar-Regolament (UE) 2018/1139 u tal-atti delegati u l-atti ta' implementazzjoni adottati skont dak ir-Regolament u skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008.

Artikolu 3

Ċertifikati msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 1(2)

Iċ-ċertifikati msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 1(2) għandhom jibqgħu validi għal perjodu ta' disa' xħur mid-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Fejn ikun meħtieġ żmien addizzjonal għaċ-ċertifikati msemmija fl-Artikolu 68 tar-Regolament (UE) 2018/1139 li jridu jinħarġu għall-operaturi kkonċernati, il-Kummissjoni tista' testendi l-perjodu ta' validità msemmi fl-ewwel paragrafu ta' dan l-Artikolu permezz ta' atti delegati.

Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta l-experti maħtura minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Artikolu 4

Ċertifikati msemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 1(2)

Iċ-ċertifikati msemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 1(2), li jikkonċernaw l-użu ta' prodotti, ta' partijiet u ta' tagħmir għandhom jibqgħu validi.

Artikolu 5

Riportar ta' moduli tat-taħriġ

B'deroga mir-Regolamenti tal-Kummissjoni (UE) Nru 1178/2011¹ u (UE) Nru 1321/2014², l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jew l-Aġenzija, kif applikabbli, għandhom iqisu l-eżamijiet li saru f'organizzazzjonijiet tat-taħriġ li huma soġġetti għal sorveljanza mill-awtorità kompetenti tar-Renju Unit iżda li għadhom ma wasslux għall-ħruġ tal-liċenzja qabel id-data tal-applikazzjoni msemmija fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 10(2) ta' dan ir-Regolament, daqslikieku saru f'organizzazzjoni tat-taħriġ soġġetta għal sorveljanza mill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru.

¹ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1178/2011 tat-3 ta' Novembru 2011 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati mal-ekwipaġġi tal-ajrulpani tal-avjazzjoni ċivili skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 311, 25.11.2011, p. 1).

² Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1321/2014 tas-26 ta' Novembru 2014 dwar il-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà ta' ingeñji tal-ajru u prodotti, partijiet u tagħmir ajrunawtiċi, u dwar l-approvazzjoni ta' organizzazzjonijiet u persunal involut f'dan ix-xogħol (ĠU L 362, 17.12.2014, p. 1).

Artikolu 6

Regoli u obbligi rigward iċ-ċertifikati rregolati skont l-Artikoli 3 jew 4

1. Iċ-ċertifikati rregolati skont l-Artikoli 3 u 4 ta' dan ir-Regolament huma soġġetti għar-regoli li japplikaw għalihom f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1139 u mal-atti ta' implementazzjoni u mal-atti delegati adottati bis-saħħha tiegħu jew mar-Regolament (UE) Nru 216/2008. L-Aġenzija għandu jkollha s-setgħat stabbiliti fir-Regolament (UE) 2018/1139 u fl-atti ta' implementazzjoni u fl-atti delegati adottati skont dak ir-Regolament u skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 fir-rigward tal-entitajiet li jkollhom il-post prinċipali tan-negozju tagħhom f'pajjiż terz.
2. Fuq it-talba tal-Aġenzija, id-detenturi taċ-ċertifikati msemmija fl-Artikolu 3 u l-emittenti taċ-ċertifikati msemmija fl-Artikolu 4 għandhom jipprovdu kopji tar-rapport tal-awditjar, tal-konklużjonijiet u tal-pjanijiet ta' azzjoni korrettiva kollha li jkunu rilevanti għaċ-ċertifikati li jkunu nħarġu matul it-tliet snin ta' qabel it-talba. Fejn tali dokumenti ma jkunux ġew ipprovduti fil-limiti taż-żmien stabbiliti mill-Aġenzija fit-talba tagħha, l-Aġenzija tista' tirtira l-benefiċċju miksub biss-saħħha tal-Artikolu 3 jew l-Artikolu 4, kif applikabbli.
3. Id-detenturi taċ-ċertifikati msemmija fl-Artikolu 3 u l-emmittenti taċ-ċertifikati msemmija fl-Artikolu 4 ta' dan ir-Regolament għandhom jinfurmaw lill-Aġenzija mingħajr dewmien dwar kwalunkwe azzjoni mill-awtoritajiet tar-Renju Unit, li tista' tikkuntrasta mal-obbligi tagħhom skont dan ir-Regolament jew ir-Regolament (UE) 2018/1139.

Artikolu 7

Awtorità kompetenti

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament u għall-fini tas-sorveljanza tad-detenturi u tal-emittenti taċ-ċertifikati msemmija fl-Artikolu 1(2) ta' dan ir-Regolament, l-Aġenzija għandha taġixxi bħala l-awtorità kompetenti prevista għall-entitajiet ta' pajjiż terz skont ir-Regolament (UE) 2018/1139 u l-attu ta' implementazzjoni u l-attu delegati adottati skont dak ir-Regoalment jew skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008.

Artikolu 8

Applikazzjoni tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 319/2014

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 319/2014¹ għandu japplika għall-persuni ġuridiċi u fiżiċi li jkollhom jew li joħorġu ċ-ċertifikati msemmija fl-Artikolu 1(2) ta' dan ir-Regolament bl-istess kundizzjonijiet bħad-detenturi ta' ċertifikati korrispondenti maħruġa għall-persuni ġuridiċi jew fiżiċi ta' pajjiż terz.

¹ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 319/2014 tas-27 ta' Marzu 2014 dwar drittijiet u ħlasijiet imposta mill-Aġenzija Ewropea tas-Sigurtà tal-Avjazzjoni, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 593/2007 (ĠU L 93, 28.3.2014, p. 58).

Artikolu 9

Mezzi aċċettabbli ta' konformità u materjal ta' gwida

L-Aġenzija tista' toħroġ mezzi aċċettabbli ta' konformità u materjal ta' gwida għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament f'konformità mal-Artikolu 76(3) tar-Regolament (UE) 2018/1139.

Artikolu 10

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-publikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċċjali tal-Unjoni Ewropea.
2. Għandu japplika mill-għada tal-jum li fih it-Trattati ma jibqgħux japplikaw għar-Renju Unit skont l-Artikolu 50(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

Madankollu, l-Artikolu 5 għandu japplika mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

3. Dan ir-Regolament ma għandux japplika jekk ftehim dwar il-ħruġ konkluż mar-Renju Unit skont l-Artikolu 50(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jkun daħal fis-seħħ mid-data msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 2.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Strasburgu,

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

Għall-Kunsill

Il-President

ANNESS

LISTA TA' ĊERTIFIKATI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 1

- TaqSIMA 1: Ċertifikati maħruġa mill-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni (“Aġenzija”) għal persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jkollhom il-post prinċipali tan-negożju tagħhom fir-Renju Unit u għall-ingħenji tal-ajru msemmija f'dawn li ġejjin
- 1.1. Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 748/2012¹, l-Anness I, il-Parti 21, it-TaqSIMA A, is-Subparti B (Ċertifikati tat-tip u c-ċertifikati tat-tip ristretti)
 - 1.2. Ir-Regolament (UE) Nru 748/2012, l-Anness I, il-Parti 21, it-TaqSIMA A, is-Subparti D (Tibdiliet fiċ-ċertifikati tat-tip u fiċ-ċertifikati tat-tip ristretti)
 - 1.3. Ir-Regolament (UE) Nru 748/2012, l-Anness I, il-Parti 21, it-TaqSIMA A, is-Subparti E (Ćertifikati tat-tip supplementari)
 - 1.4. Ir-Regolament (UE) Nru 748/2012, l-Anness I, il-Parti 21, it-TaqSIMA A, is-Subparti M (Tiswijiet)

¹ Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 748/2012 tat- 3 ta’ Awwissu 2012 li jistabbilixxi regoli ta’ implementazzjoni għaċ-ċertifikazzjoni tal-airworthiness u ambjentali ta’ ingeni tal-ajru u ta’ prodotti, partijiet u tagħmir relatati, kif ukoll għaċ-ċertifikazzjoni ta’ organizzazzjonijiet relatati mad-disinn u l-produzzjoni (ĠU L 224, 21.8.2012, p. 1).

1.5. Ir-Regolament (UE) Nru 748/2012, l-Anness I, il-Parti 21, it-Taqsima A, is-Subparti O (Awtorizzazzjonijiet tal-Ordni ta' Standard Tekniku Ewropew)

1.6. Ir-Regolament (UE) Nru 748/2012, l-Anness I, il-Parti 21, it-Taqsima A, is-Subparti J (Approvazzjonijiet ta' organizzazzjoni tad-disinn)

TaqSIMA 2: Ċertifikati għall-prodotti, partijiet u tagħmir maħruġa minn persuni ġuridiċi jew fiżiċi ċċertifikati mill-awtoritajiet kompetenti tar-Renju Unit msemmija f'dawn li ġejjin:

2.1. Ir-Regolament (UE) Nru 748/2012, l-Anness I, it-Taqsima A, is-Subparti G, il-punt 21.A.163(c) (ċertifikati tar-rilaxx awtorizzat għall-prodotti, għall-partijiet u għat-tagħmir)

2.2. Ir-Regolament (UE) Nru 1321/2014, l-Anness I, il-Parti-145, il-punt 145.A.75(e) (ċertifikati tar-rilaxx għas-servizz fir-rigward tat-tlestitja tal-manutenzjoni)

2.3. Ir-Regolament (UE) Nru 1321/2014, l-Anness I, il-Parti-145, il-punt 145.A.75(f) (ċertifikati ta' reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà għall-ingienji tal-ajru ELA 1)

- 2.4. Ir-Regolament (UE) Nru 1321/2014, l-Anness I, il-Parti M, it-Taqsima A, is-Subparti F, il-punt M.A.615(d) (ċertifikati tar-rilaxx għas-servizz mat-tlestija tal-manutenzjoni)
 - 2.5. Ir-Regolament (UE) Nru 1321/2014, l-Anness I, il-Parti M, it-Taqsima A, is-Subparti F, il-punt M.A.615(e) (ċertifikati ta' reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà għall-ingienji tal-ajru ELA 1)
 - 2.6. Ir-Regolament (UE) Nru 1321/2014, l-Anness I, il-Parti M, it-Taqsima A, is-Subparti G, il-punt M.A.711(a) jew (b)(1) (ċertifikati ta' reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà u estensjonijiet tagħhom).
 - 2.7. Ir-Regolament (UE) Nru 1321/2014, l-Anness I, il-Parti-M, Taqsima A, is-Subparti H, il-punt M.A.801 (b)(2) u (3) u (c) (ċertifikati għar-rilaxx għas-servizz fir-rigward tat-tlestija tal-manutenzjoni).
-